IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2026
COM(2026) 367 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, il-Qabda u l-Konfiska ta' Profitti minn Attività Kriminali u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu

ANNESS

Test finali tal-Proposta

COUNCIL OF EUROPE

CONSEIL DE L'EUROPE

Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, il-Qabda u l-Konfiska ta' Profitti minn Attività Kriminali u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu

Preambolu

L-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Partijiet l-oħra għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, il-Qabda u l-Konfiska ta' Profitti minn Attività Kriminali u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu (CETS Nru 198, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"), infetħet għall-iffirmar f'Varsavja fis-16 ta' Mejju 2005, firmatarji għal dan,

Wara li kkunsidraw li l-għan tal-Kunsill tal-Ewropa huwa li jżid l-għaqda fost il-Membri tiegħu;

Filwaqt li jenfasizzaw li l-ġlieda kontra delitti li jiġġeneraw rikavat illeċitu, inkluż il-kriminalità organizzata, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kemm fl-Ewropa kif ukoll globalment, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem, hija essenzjali għall-paċi, l-istabbiltà, il-ġustizzja, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;

Imħassbin dwar it-theddid li qed jevolvi kkawżat mill-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u konxji mill-isfidi li jiffaċċjaw il-Partijiet fl-indirizzar tagħhom;

Determinati li jsaħħu u jiżviluppaw aktar miżuri għall-irkupru effettiv tal-assi, inkluż l-identifikazzjoni, it-traċċar, l-iffriżar, il-qbid, il-konfiska u l-immaniġġjar tal-assi ta' oriġini kriminali, u li jippromwovu l-kondiviżjoni tal-assi u l-użu mill-ġdid tal-proprjetà kkonfiskata;

Konvinti mill-ħtieġa ta' metodi investigattivi robusti u oqfsa ta' rkupru tal-assi mmirati lejn assi ta' oriġini kriminali permezz ta' investigazzjonijiet finanzjarji, u għal miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fost firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet, inkluż unitajiet tal-intelligence finanzjarja, uffiċċji għall-irkupru tal-assi, uffiċċji għall-immaniġġjar tal-assi, awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tal-prosekuzzjoni u ġudizzjarji, awtoritajiet superviżorji u s-settur privat;

Filwaqt li jissottolinjaw l-importanza li jiġu żviluppati għodod ġodda fil-qasam tal-konfiska, u li tiġi żgurata applikazzjoni aktar sistematika tal-miżuri ta' konfiska;

Filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jissaħħaħ il-qafas legali internazzjonali għall-kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni effettiva tal-miżuri għall-irkupru tal-assi bejn il-fruntieri;

Filwaqt li jirrikonoxxu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali minquxa, b'mod partikolari, fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet

Fundamentali (ETS Nru 5) u l-protokolli tagħha, u fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

Filwaqt li jżommu f'moħħhom it-Trattati tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-kooperazzjoni f'materji kriminali u ftehimiet u arranġamenti oħra bejn il-Partijiet għall-Konvenzjoni;

B'kont meħud tat-trattati rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari l-Konvenzjoni dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, is-Sekwestru u l-Konfiska tar-Rikavat minn Attività Kriminali (ETS Nru 141), il-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (CETS Nru 196), il-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità (ETS Nru 185), il-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali dwar il-Korruzzjoni (ETS Nru 173), il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali (ETS Nru 108), flimkien mal-protokolli rispettivi tagħhom, u filwaqt li jitqiesu l-konvenzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti u l-protokolli tagħhom, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-irkupru tal-assi u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-istandards internazzjonali bħar-rakkomandazzjonijiet adottati mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF);

Filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jissupplementaw u jimmodernizzaw ċerti aspetti tal-Konvenzjoni;

Filwaqt li jixtiequ li dan il-Protokoll jikkontribwixxi għal rispons aktar effettiv għall-isfidi tal-irkupru tal-assi u għal kooperazzjoni msaħħa bejn il-Partijiet f'dan il-qasam,

Ftiehmu kif ġej:

Kapitolu I – Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 1 – Għan

L-għan ta' dan il-Protokoll huwa li jissupplimenta u jimmodernizza, bejn il-Partijiet, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, il-Qabda u l-Konfiska ta' Profitti minn Attività Kriminali u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu.

Artikolu 2 – Użu ta' termini

1. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw flimkien ma' dawk stabbiliti fil-Konvenzjoni:

a. "investigazzjoni finanzjarja" hija investigazzjoni dwar affarijiet finanzjarji relatati ma' mġiba kriminali bil-ħsieb ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin jew kollha kemm huma:

i. l-identifikazzjoni tal-firxa tan-networks kriminali u/jew l-iskala tal-kriminalità;

ii l-identifikazzjoni u t-traċċar tal-proprjetà li tista' tiġi kkonfiskata;

iii. il-ġbir ta' informazzjoni li tista' tintuża fi proċedimenti kriminali u/jew proċedimenti fir-rigward tal-identifikazzjoni, it-traċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska ta' proprjetà;

b. "assi virtwali" tfisser rappreżentazzjoni diġitali ta' valur jew ta' dritt li jista' jiġi ttrasferit u maħżun elettronikament bl-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit jew ta' teknoloġija simili, u li jista' jintuża għal finijiet ta' pagament jew ta' investiment. L-assi virtwali ma jinkludux rappreżentazzjonijiet diġitali ta' muniti ta' kors legali, titoli u assi finanzjarji oħra;

c. "fornitur ta' servizzi tal-assi virtwali" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, bħala negozju, twettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet jew l-operazzjonijiet li ġejjin għal persuna fiżika jew ġuridika oħra jew f'isimha:

i. skambji bejn l-assi virtwali u l-muniti ta' kors legali;

ii. skambji bejn forma waħda jew aktar ta' assi virtwali;

iii. trasferimenti ta' assi virtwali;

iv. is-salvagwardja u/jew l-amministrazzjoni ta' assi virtwali jew strumenti li jippermettu kontroll fuq assi virtwali; u

v. il-parteċipazzjoni f'servizzi finanzjarji relatati mal-offerta tal-emittent u l-forniment tagħhom u/jew il-bejgħ ta' assi virtwali.

2. Għall-finijiet tal-Konvenzjoni u ta' dan il-Protokoll, it-terminu "finanzjament tat-terroriżmu" jfisser ir-reati stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Soppressjoni tal-Finanzjament tat-Terroriżmu, b'referenza għal:

a. l-atti stabbiliti fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, is-subparagrafi *a* jew *b,* tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Soppressjoni tal-Finanzjament tat-Terroriżmu;

b. ir-reati definiti mill-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu u l-protokoll li jemendaha; u

c. ir-reati definiti mill-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (CETS Nru 217).

Kapitolu II – Miżuri li għandhom jittieħdu fil-livell nazzjonali

Taqsima 1 – Miżuri ta' konfiska

Artikolu 3 – Konfiska estiża

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tkun tista' tikkonfiska, kompletament jew parzjalment, il-proprjetà ta' persuna kkundannata b'ħasil tal-flus, b'finanzjament tat-terroriżmu jew b'waħda mill-kategoriji ta' reati fl-appendiċi tal-Konvenzjoni, meta l-qorti tkun sodisfatta li tali proprjetà tkun derivata minn imġiba kriminali jew miksuba, direttament jew indirettament minnha.

2. Sakemm il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu japplika għall-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kull Parti tista', fil-mument tal-iffirmar jew meta tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, tirriżerva d-dritt tagħha li tapplika l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:

a. biss sa fejn ir-reat li għalih persuna tkun instabet ħatja jista' jiġġenera, direttament jew indirettament, vantaġġ ekonomiku kbir;

b. biss sa fejn ir-reat huwa punibbli b'ċaħda tal-libertà jew b'ordni ta' detenzjoni għal massimu ta' mill-inqas 4 snin; u/jew

c. għal lista ta' reati speċifikati biss.

3. Fid-determinazzjoni ta' jekk il-proprjetà inkwistjoni tkunx derivata minn imġiba kriminali, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti għall-każ, inkluż l-isproporzjon bejn il-valur tal-proprjetà u l-introjtu legali tal-persuna kkundannata.

Artikolu 4 – Konfiska mhux ibbażata fuq kundanna

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tkun tista', f'konformità mal-prinċipji fundamentali tal-liġi domestika tagħha, tikkonfiska proprjetà mingħajr kundanna kriminali meta qorti tkun sodisfatta li tali proprjetà tkun derivata minn imġiba kriminali jew miksuba, direttament jew indirettament minnha.

2. Kull Parti tista', fil-mument tal-iffirmar jew meta tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju

Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, tirriżerva d-dritt tagħha li tapplika l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:

a. meta ma jkunux jistgħu jiġu applikati miżuri oħra ta' konfiska;

b. meta l-proprjetà li għandha tiġi kkonfiskata tkun ġiet identifikata matul investigazzjoni relatata ma' reat kriminali;

c. meta l-proprjetà li għandha tiġi kkonfiskata tkun ġiet iffriżata jew maqbuda matul investigazzjoni relatata ma' reat kriminali;

d. meta l-qorti tkun sodisfatta li l-proprjetà li għandha tiġi kkonfiskata tkun derivata jew miksuba minn imġiba kriminali mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali, u li din l-imġiba tista' tiġġenera, direttament jew indirettament, vantaġġ ekonomiku kbir;

e. fejn ir-reat huwa punibbli b'ċaħda tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal massimu ta' mill-inqas 4 snin; u/jew

f. meta l-investigazzjoni kriminali tkun inbdiet fir-rigward ta' lista ta' reati speċifikati.

3. Kull Parti tista', minbarra l-paragrafi 1 u 2, tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tkun tista' tikkonfiska, mingħajr kundanna kriminali, rikavati, mezzi strumentali jew proprjetà ta' valur ekwivalenti meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

a. ikunu nbdew investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali u l-proċedimenti kriminali rilevanti setgħu wasslu għal kundanna kriminali iżda l-proċedimenti ma setgħux jitkomplew minħabba mewt, inkapaċità ta' proċess minħabba mard, ħrib jew f'sitwazzjonijiet fejn l-istatut tal-limitazzjonijiet għad-delitt sottostanti jkun inqas minn 15-il sena u jkun skada;

b. meta r-rikavati, il-mezzi strumentali jew il-proprjetà ta' valur ekwivalenti jkunu derivati mir-reati kriminali li fir-rigward tagħhom ikunu nbdew l-investigazzjonijiet jew il-proċedimenti, jew ikunu direttament jew indirettament marbuta magħhom, tal-inqas meta r-reati jistgħu jiġġeneraw vantaġġi ekonomiċi kbar.

Artikolu 5 – **Konfiska minn partijiet terzi**

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tkun tista' tiffriża, taqbad u tikkonfiska rikavati jew proprjetà li l-valur tagħha jikkorrispondi għal tali rikavati li jkunu proprjetà ta' partijiet terzi jew miżmuma minnhom, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' partijiet terzi *bona fide*.

2. Il-partijiet jistgħu jestendu l-obbligu previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-mezzi strumentali.

3. Kull Parti tista', fil-mument tal-iffirmar jew meta tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, tirriżerva d-dritt tagħha li tapplika dan l-Artikolu biss meta r-rikavat jew il-proprjetà li l-valur tagħha jikkorrispondi għal tali rikavat ikunu ġew ittrasferiti, direttament jew indirettament, minn persuna suspettata jew akkużata lil partijiet terzi, jew akkwistati minn partijiet terzi mingħand persuna suspettata jew akkużata, meta l-parti terza kienet taf jew kellha tkun taf li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien li tiġi evitata l-konfiska.

Taqsima 2 – Miżuri investigattivi u proviżorji

Artikolu 6 – Miżuri proviżorji

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni għandhom japplikaw għal kwalunkwe proprjetà li tista' tiġi kkonfiskata skont dan il-Protokoll.

2. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tkun tista' tieħu, fuq bażi urġenti, u, fejn xieraq, *ex parte* jew mingħajr avviż minn qabel, soġġett għall-prinċipji kostituzzjonali tagħha u l-kunċetti bażiċi tas-sistema legali tagħha, miżuri proviżorji biex tipprevjeni d-dissipazzjoni tal-assi li jistgħu jiġu kkonfiskati skont il-Konvenzjoni u dan il-Protokoll. Il-Partijiet għandhom jillimitaw il-validità temporanja ta' dawn il-miżuri proviżorji urġenti meta dawn ma jikkostitwux miżuri ta' ffriżar jew ta' qbid li jieħdu l-forma ta' ordni.

Artikolu 7 – Setgħat u tekniki investigattivi

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tagħti s-setgħa lill-qrati tagħha jew lil awtoritajiet kompetenti oħra, f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi proċedurali domestika, sabiex jordnaw li r-rekords miżmuma mill-istituzzjonijiet finanzjarji u mill-fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali, inkluż kwalunkwe rekord miżmum skont l-obbligi tagħhom ta' diliġenza dovuta fir-rigward tal-klijenti kif definiti fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2, is-subparagrafi *a*.i u iii, tal-Konvenzjoni, isiru disponibbli jew jinqabdu sabiex jitwettqu l-miżuri proviżorji u ta' konfiska previsti fil-Konvenzjoni u f'dan il-Protokoll. Parti ma għandhiex tirrifjuta li taġixxi skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għal raġunijiet ta' segretezza bankarja jew finanzjarja.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tkun tista':

a. tiddetermina jekk persuna fiżika jew ġuridika hijiex detentur jew sid benefiċjarju ta' kont wieħed jew aktar, ta' kwalunkwe natura, fi kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja jew fornitur ta' servizzi tal-assi virtwali li jinsab fit-territorju tagħha u, jekk iva, tikseb id-dettalji kollha tal-kontijiet identifikati;

b. tikseb id-dettalji ta' kontijiet speċifikati miżmuma f'istituzzjonijiet finanzjarji jew fornituri ta' servizzi ta' assi virtwali u ta' operazzjonijiet ta' istituzzjonijiet finanzjarji u fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali li jkunu twettqu matul perjodu speċifikat permezz ta' kont speċifiku wieħed jew aktar, inkluż id-dettalji ta' kwalunkwe kont li jibgħat jew jirċievi;

c. timmonitorja, matul perjodu speċifikat, l-operazzjonijiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali li jkunu qed jitwettqu permezz ta' kont identifikat wieħed jew aktar; u

d. tiżgura li l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali ma jiddivulgawx lill-klijent ikkonċernat jew lil terzi persuni oħra li l-informazzjoni tkun intalbet jew inkisbet f'konformità mal-paragrafu 2, is-subparagrafi *a*, *b* jew *c*, ta' dan l-Artikolu, jew li tkun qed titwettaq investigazzjoni.

Artikolu 8 – Investigazzjonijiet finanzjarji

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-investigazzjoni u/jew, fejn xieraq, il-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu jew kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' reati fl-appendiċi għall-Konvenzjoni, ikunu jistgħu jwettqu investigazzjonijiet finanzjarji proattivi tal-anqas fil-każijiet kollha relatati mal-finanzjament tat-terroriżmu u fir-rigward ta' reati li jistgħu jiġġeneraw vantaġġ ekonomiku kbir.

2. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżgura li l-investigazzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkunu jistgħu jitwettqu b'mod indipendenti, flimkien ma' investigazzjoni kriminali jew fil-qafas tagħha.

3. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżgura li l-investigazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, is-subparagrafu *a*, ta' dan il-Protokoll ikunu jistgħu jitwettqu fl-istadji kollha tal-proċedimenti kriminali mill-awtoritajiet kompetenti rispettivi, inkluż wara kundanna finali jew wara konfiska skont il-Konvenzjoni u dan il-Protokoll.

4. Kull Parti tista' tieħu tali miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħra sabiex tistabbilixxi gruppi multidixxiplinari speċjalizzati f'investigazzjonijiet finanzjarji.

Artikolu 9 – Informazzjoni dwar kontijiet bankarji, kontijiet ta' pagament, kontijiet ta' titoli, kaxxi ta' sikurezza għad-depożiti u kontijiet ta' assi virtwali

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tistabbilixxi mekkaniżmu ċentrali, awtomatizzat jew mekkaniżmi simili oħrajn effettivi u f'waqthom, li jippermettu l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha kontijiet bankarji, kontijiet ta' pagament, kontijiet ta' titoli u kaxxi ta' sikurezza għad-depożiti miżmuma minn istituzzjonijiet finanzjarji, u kontijiet ta' assi virtwali miżmuma minn fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali, flimkien mas-sidien benefiċjarji ta' tali kontijiet u kwalunkwe persuna awtorizzata biex taġixxi f'isem detentur ta' kont.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-unità tal-intelligence finanzjarja u, għall-fini tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali serji, jew l-appoġġ għal investigazzjoni li tikkonċerna reat kriminali serju, inklużi l-identifikazzjoni, it-traċċar, l-iffriżar u l-qbid ta' proprjetà relatata ma' tali reati, l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi u awtoritajiet kompetenti maħtura oħra jkunu intitolati li jkollhom aċċess għall-mekkaniżmu ċentrali u awtomatizzat jew mekkaniżmi effettivi u f'waqthom simili oħra, u għall-informazzjoni li tinsab fihom, kif jista' jkun meħtieġ għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom.

3. Il-Partijiet għandhom jadottaw tali miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data u biex jistabbilixxu salvagwardji li jirregolaw l-ipproċessar tal-informazzjoni meħtieġa biex jintlaħaq l-għan ta' dan l-Artikolu.

Taqsima 3 – Unità tal-Intelligence Finanzjarja

Artikolu 10 – Sospensjoni jew rifjut tal-kunsens għal tranżazzjonijiet, kontijiet u relazzjonijiet kummerċjali suspettużi

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tippermetti li tittieħed azzjoni urġenti minn unità tal-intelligence finanzjarja meta jkun hemm suspett li tranżazzjoni, kont, bħal kont bankarju, ta' titoli, ta' pagament jew ta' assi virtwali jew relazzjoni kummerċjali tkun relatata mal-ħasil tal-flus, mal-finanzjament tat-terroriżmu jew ma' kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' reati fl-appendiċi tal-Konvenzjoni, biex tissospendi l-użu ta' dak il-kont, ir-relazzjoni kummerċjali jew it-tranżazzjoni jew biex tirrifjuta l-kunsens biex it-tranżazzjoni sseħħ.

2. Is-sospensjoni jew ir-rifjut tal-kunsens skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu imposti mill-unità tal-intelligence finanzjarja sabiex tippreserva l-fondi, twettaq l-analiżijiet tagħha, tivvaluta jekk is-suspett huwiex ikkonfermat u, jekk iva, tiddissemina r-riżultati tal-analiżijiet lill-awtoritajiet kompetenti biex tippermetti l-adozzjoni u l-infurzar ta' miżuri xierqa.

3. Kull Parti għandha tiżgura li d-durata massima ta' kwalunkwe sospensjoni jew rifjut ta' kunsens skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi domestika u tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tipprevedi salvagwardji speċifiċi, kif xieraq, biex tipproteġi d-drittijiet fundamentali tal-persuni affettwati mis-sospensjoni jew ir-rifjut tal-kunsens ordnat mill-unità tal-intelligence finanzjarja skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

5. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżgura li l-unità tal-intelligence finanzjarja tingħata s-setgħa li tneħħi s-sospensjoni jew ir-rifjut tal-kunsens fi kwalunkwe ħin jekk tikkonkludi li s-sospensjoni jew ir-rifjut tal-kunsens ma għadux meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

6. Kull Parti tista', fil-mument tal-iffirmar jew meta tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, tirriżerva d-dritt tagħha li ma tapplikax dan l-Artikolu għas-sospensjoni tal-kontijiet u tar-relazzjonijiet kummerċjali.

Taqsima 4 – Uffiċċju għall-irkupru tal-assi

Artikolu 11 – Uffiċċju għall-irkupru tal-assi

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tistabbilixxi jew taħtar awtorità waħda jew aktar bħala uffiċċju għall-irkupru tal-assi bir-responsabbiltà li:

jidentifikaw u jittraċċaw proprjetà li tista' tiġi kkonfiskata b'appoġġ għal awtoritajiet kompetenti oħra; u

jikkooperaw mal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi ta' Partijiet oħra.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kull Parti għandha tiżgura li l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi jkun jista' jiskambja b'mod effettiv informazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'konformità mal-liġi domestika tagħha.

3. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tippermetti lil wieħed mill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi tagħha, mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' awtoritajiet kompetenti oħra, jieħu miżuri proviżorji urġenti, f'konformità mal-Artikolu 6, il-paragrafu 2, ta' dan il-Protokoll, f'każijiet transfruntiera sabiex jippreserva l-proprjetà identifikata u traċċata meta jkun hemm riskju imminenti tal-għajbien tagħha. Il-durata ta' tali miżuri ma għandhiex taqbeż is-7 ijiem tax-xogħol.

4. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżgura li uffiċċju għall-irkupru tal-assi ma jżommx miżuri proviżorji urġenti għal perjodu itwal milli meħtieġ biex jissodisfa l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 12 – Aċċess għall-informazzjoni mill-uffiċċji għall-irkupru tal-assi

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżgura li l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi jkollu aċċess f'waqtu għall-informazzjoni li jeħtieġ biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu kif xieraq, soġġett għall-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità, u mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji proċedurali domestiċi.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 9 u 17 ta' dan il-Protokoll, kull Parti għandha tiżgura li l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi jkollu mill-inqas:

a. aċċess immedjat u dirett għall-informazzjoni dwar il-proprjetà immobbli, iċ-ċittadinanza nazzjonali u l-popolazzjoni nazzjonali, l-entitajiet kummerċjali u tan-negozju, il-vetturi, l-

inġenji tal-ajru, l-opri tal-baħar u s-sjieda benefiċjarja, dment li l-informazzjoni tinħażen f'reġistri jew bażijiet tad-data ċentralizzati jew interkonnessi miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi;

b. aċċess immedjat u dirett, jew aċċess fuq talba, għal informazzjoni dwar ipoteki u self, informazzjoni li tinsab fil-bażijiet tad-data tal-munita nazzjonali u tal-kambju tal-muniti, informazzjoni dwar il-qsim tal-fruntieri, data doganali, inkluż it-trasferimenti fiżiċi transfruntiera ta' flus kontanti u strumenti negozjabbli għall-portatur, informazzjoni dwar ir-rendikonti finanzjarji tal-kumpaniji, u informazzjoni dwar trasferimenti telegrafiċi, bilanċi tal-kontijiet u trasferimenti ta' assi virtwali;

c. aċċess immedjat u dirett, jew aċċess fuq talba, għal informazzjoni fiskali, informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali u informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi domestika.

3. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu dawk il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data u biex jistabbilixxu salvagwardji li jirregolaw l-ipproċessar tal-informazzjoni meħtieġa biex jintlaħaq l-għan ta' dan l-Artikolu.

4. Meta l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma tinżammx f'reġistri jew f'bażijiet tad-data ċentralizzati jew interkonnessi, kull Parti għandha tiżgura li l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi jkollu aċċess għal tali informazzjoni permezz ta' mekkaniżmi oħra b'mod simplifikat u standardizzat.

Taqsima 5 – Immaniġġjar ta' assi

Artikolu 13 – Prinċipji ġenerali tal-immaniġġjar

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżgura l-immaniġġjar xieraq tal-proprjetà ffriżata, maqbuda jew ikkonfiskata skont il-Konvenzjoni u dan il-Protokoll sad-disponiment finali tagħha.

2. Kull Parti għandha tiżgura li, meta ġġustifikat min-natura tal-propjetà, l-awtoritajiet kompetenti għall-immaniġġjar tal-proprjetà ffriżata jew maqbuda tivvaluta l-proprjetà li tista' ssir is-suġġett ta' ordni ta' konfiska bil-ħsieb li timminimizza l-kostijiet tal-immaniġġjar stmati tagħha u tippreserva l-valur ta' tali proprjetà sad-disponiment finali tagħha.

Artikolu 14 – Uffiċċju għall-immaniġġjar tal-assi

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tistabbilixxi jew taħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar biex jiffunzjonaw bħala uffiċċju għall-immaniġġjar tal-assi biex jiżguraw l-immaniġġjar xieraq tal-proprjetà ffriżata, maqbuda u kkonfiskata.

2. L-uffiċċju għall-immaniġġjar tal-assi għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:

l-immaniġġjar tal-proprjetà jew l-għoti ta' appoġġ u għarfien espert lil awtoritajiet kompetenti oħra għall-immaniġġjar ta' tali proprjetà;

il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-identifikazzjoni, it-traċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-proprjetà; u

il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-immaniġġjar tal-proprjetà ffriżata, maqbuda u kkonfiskata f'Partijiet oħra.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, is-subparagrafu *c*, ta' dan l-Artikolu, kull Parti għandha taħtar massimu ta' żewġ punti ta' kuntatt li għandu jkollhom il-kapaċità li jwettqu

komunikazzjonijiet fil-ħin mal-punti ta' kuntatt ta' Partijiet oħra u għandha, fil-mument tal-iffirmar jew meta tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, tikkomunika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa l-ismijiet u l-indirizzi tal-punti ta' kuntatt maħtura tagħha.

4. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, Parti tista' taħtar it-tielet punt ta' kuntatt meta dan ikun meħtieġ skont il-prinċipji kostituzzjonali tagħha.

Artikolu 15 – Bejgħ ta' qabel il-konfiska

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex ikun jista' jsir il-bejgħ ta' proprjetà maqbuda u ffriżata, qabel ma tittieħed deċiżjoni finali dwar il-proprjetà maqbuda jew iffriżata, fejn:

il-proprjetà tkun ta' xorta li tista' titħassar jew tiddeprezza malajr;

il-kostijiet tal-ħżin jew tal-manutenzjoni jkunu irraġonevoli meta mqabbla mal-valur tas-suq tagħha; jew

l-immaniġġjar tal-proprjetà jkun jirrikjedi kundizzjonijiet speċjali u għarfien espert li ma jkunux faċilment disponibbli.

2. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżgura li jitqiesu l-interessi tal-persuna affettwata meta tinħareġ ordni għall-bejgħ ta' qabel il-konfiska ta' proprjetà u li, għajr f'każijiet fejn il-persuna affettwata tkun ħarbet jew ma tkunx tista' tinstab, tiġi nnotifikata u, għajr f'każijiet ta' urġenza, tingħata l-opportunità li tinstema' qabel il-bejgħ. Il-persuna affettwata għandu jkollha l-possibbiltà li titlob il-bejgħ tal-proprjetà.

3. Il-qligħ minn tali bejgħ għandu jiġi ggarantit u mmaniġġjat skont l-Artikolu 13 ta' dan il-Protokoll sakemm tittieħed deċiżjoni finali dwar il-proprjetà maqbuda jew iffriżata.

Artikolu 16 – Użu ta' proprjetà ffriżata, maqbuda u kkonfiskata

1. Kull Parti għandha tikkunsidra l-adozzjoni ta' tali miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tkun tista' tintuża l-proprjetà kkonfiskata, u d-dħul iġġenerat minnha, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġi domestika, għall-finijiet ta' użu mill-ġdid soċjali, fl-interess pubbliku jew għal għanijiet speċifiċi oħra.

2. Kull Parti tista' tadotta tali miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tkun tista' tintuża l-proprjetà ffriżata jew maqbuda, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġi domestika, għall-finijiet ta' użu mill-ġdid soċjali, fl-interess pubbliku jew għal għanijiet speċifiċi oħra.

Artikolu 17 – Informazzjoni dwar proprjetà ffriżata, maqbuda u kkonfiskata

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġu stabbiliti għodod jew mekkaniżmi effiċjenti li jippermettu l-identifikazzjoni, fil-ħin, ta' proprjetà ffriżata, maqbuda jew ikkonfiskata u, fejn xieraq, il-valur attwali jew stmat ta' tali proprjetà.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-uffiċċji għall-immaniġġjar tal-assi u, fejn xieraq, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u awtoritajiet kompetenti oħra jkunu jistgħu jiksbu, fil-ħin, permezz tal-għodod u l-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni dwar il-proprjetà ffriżata, maqbuda u kkonfiskata meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom.

3. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu dawk il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data u biex jistabbilixxu

salvagwardji li jirregolaw l-ipproċessar tal-informazzjoni meħtieġa biex jintlaħaq l-għan ta' dan l-Artikolu.

Kapitolu III – Kooperazzjoni internazzjonali

Taqsima 1 – Prinċipji ta' kooperazzjoni internazzjonali

Artikolu 18 – Prinċipji ġenerali u miżuri għall-kooperazzjoni internazzjonali

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat li l-infurzar ta' ordnijiet barranin ta' ffriżar, qbid jew konfiska ma jsirx kundizzjonali fuq it-twettiq ta' investigazzjoni domestika. Din id-dispożizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-awtoritajiet kompetenti fil-Parti rikjesta li jirrieżaminaw l-ordni barranija u joħorġu kwalunkwe ordni meħtieġa biex jagħtuha effett fir-rigward ta' proprjetà li tinsab fit-territorju tagħha.

2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw ukoll li talba biex jittieħdu miżuri proviżorji ma tiġix miċħuda għas-sempliċi raġuni li l-ordni domestika li fuqha tkun ibbażata tkun saret minn awtorità li ma tkunx awtorità ġudizzjarja, fejn l-awtorità inkwistjoni tkun maħtura bħala awtorità kompetenti mill-Parti rikjedenti u fejn l-ordni domestika inkwistjoni tkun ġiet ivvalidata minn awtorità ġudizzjarja qabel it-trażmissjoni tat-talba.

Artikolu 19 – Trasferiment tad-data

1. Id-data personali ttrasferita minn Parti għal oħra bħala riżultat tal-eżekuzzjoni ta' talba magħmula skont il-Konvenzjoni jew il-Protokoll tagħha, tista' tintuża mill-Parti li lilha tkun ġiet ittrasferita tali data biss:

a. għall-fini ta' proċessi jew proċedimenti li għalihom tapplika l-Konvenzjoni jew il-Protokoll tagħha;

b. għal proċedimenti ġudizzjarji u amministrattivi oħra relatati direttament mal-proċedimenti msemmija fil-paragrafu 1, is-subparagrafu *a*, ta' dan l-Artikolu;

c. għall-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja għall-ordni pubbliku.

2. Madanakollu, tali data tista'tintuża għal kwalunkwe skop ieħor jekk għal dak l-għan, jingħata kunsens minn qabel mill-Parti li minnha tkun ġiet ittrasferita d-data jew mis-suġġett tad-data.

3. Kwalunkwe Parti tista' tirrifjuta li tittrasferixxi data personali miksuba bħala riżultat tal-eżekuzzjoni ta' talba magħmula skont il-Konvenzjoni jew il-Protokoll tagħha meta:

a. tali data ma tkunx tista' tiġi pprovduta f'konformità mal-leġiżlazzjoni domestika tagħha; u/jew

b. il-Parti li lilha għandha tiġi ttrasferita d-data ma tkunx marbuta bil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali, magħmula fi Strażburgu fit-28 ta' Jannar 1981, kif modernizzata mill-protokoll li jemenda dik il-konvenzjoni (CETS Nru 223), magħmul fi Strażburgu fl-10 ta' Ottubru 2018, sakemm il-Parti tal-aħħar ma tintrabatx li tagħti tali protezzjoni għad-data kif meħtieġ mill-Parti tal-ewwel.

4. Kwalunkwe Parti li tittrasferixxi data personali miksuba b'riżultat tal-eżekuzzjoni ta' talba magħmula skont il-Konvenzjoni jew il-Protokoll tagħha tista' titlob lill-Parti li lilha tkun ġiet ittrasferita d-data li tagħti informazzjoni dwar l-użu li jkun sar mit-tali data.

5. Kwalunkwe Parti tista', permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, titlob li, fil-qafas tal-proċeduri li setgħet tirrifjuta jew tillimita t-trażmissjoni jew l-użu ta' data personali għalihom f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-

Konvenzjoni jew tal-Protokoll tagħha, id-data personali li tittrażmetti lil Parti oħra ma tintużax minn din tal-aħħar, għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sakemm ma jkunx bil-kunsens preċedenti tagħha.

Taqsima 2 – Assistenza investigattiva

Artikolu 20 – Talbiet għal informazzjoni dwar kontijiet miżmuma f'istituzzjonijiet finanzjarji jew fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali

1. Kull Parti għandha, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiddetermina, bi tweġiba għal talba mibgħuta minn Parti oħra, jekk persuna fiżika jew ġuridika li tkun is-suġġett ta' investigazzjoni kriminali żżommx jew tikkontrollax kont wieħed jew aktar, ta' kwalunkwe natura, fi kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja jew fornitur ta' servizzi tal-assi virtwali li jinsab fit-territorju tagħha u, jekk iva, għandha tipprovdi lill-Parti rikjedenti d-dettalji tal-kontijiet identifikati, inkluż ir-rekords kollha miżmuma mill-istituzzjonijiet finanzjarji jew mill-fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali skont l-obbligi tagħhom ta' diliġenza dovuta fir-rigward tal-klijenti, kif definit fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2, is-subparagrafi *a*.i u iii, tal-Konvenzjoni.

2. L-obbligu stabbilit f'dan l-Artikolu għandu japplika biss sa fejn l-informazzjoni tkun fil-pussess tal-istituzzjoni finanzjarja jew fornitur ta' servizzi tal-assi virtwali li jkunu qegħdin iżommu l-kont.

3. Minbarra r-rekwiżiti tal-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni, il-Parti rikjedenti għandha, fit-talba tagħha:

tiddikjara għaliex tqis li l-informazzjoni mitluba x'aktarx li tkun ta' valur sostanzjali għall-fini tal-investigazzjoni kriminali dwar ir-reat;

tiddikjara fuq liema bażi tippreżumi li l-istituzzjonijiet finanzjarji jew il-fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali fil-Parti rikjesta jżommu l-kont u tispeċifika, sa fejn ikun l-aktar possibbli, liema istituzzjonijiet finanzjarji jew fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali u/jew kontijiet jistgħu jkunu involuti; u

tinkludi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tkun disponibbli li tista' tiffaċilita l-eżekuzzjoni tat-talba.

4. Il-Parti rikjesta tista' tagħmel l-eżekuzzjoni ta' din it-talba dipendenti fuq l-istess kundizzjonijiet li tapplika fir-rigward ta' talbiet għal tiftix u qbid.

5. Kull Parti tista', fil-mument tal-iffirmar jew meta tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, tirriżerva d-dritt tagħha li tapplika dan l-Artikolu għall-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u għall-kategoriji ta' reati fl-appendiċi tal-Konvenzjoni biss.

Artikolu 21 – Talbiet għal informazzjoni dwar tranżazzjonijiet imwettqa minn istituzzjonijiet finanzjarji u fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali

1. Fuq talba ta' Parti oħra, il-Parti rikjesta għandha tipprovdi d-dettalji ta' kontijiet speċifikati miżmuma minn istituzzjonijiet finanzjarji u fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali, u ta' operazzjonijiet li jkunu twettqu matul perjodu speċifikat permezz ta' kont wieħed jew aktar speċifikati fit-talba, inkluż id-dettalji ta' kwalunkwe kont li jibgħat jew jirċievi l-flus.

2. L-obbligu stabbilit f'dan l-Artikolu għandu japplika biss sa fejn l-informazzjoni tkun fil-pussess tal-istituzzjonijiet finanzjarji jew tal-fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali li jkunu qegħdin iżommu l-kont.

3. Minbarra r-rekwiżiti tal-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni, il-Parti rikjedenti għandha tindika fit-talba tagħha għaliex tqis l-informazzjoni mitluba rilevanti għall-finijiet tal-investigazzjoni kriminali dwar ir-reat.

4. Il-Parti rikjesta tista' tagħmel l-eżekuzzjoni ta' din it-talba dipendenti fuq l-istess kundizzjonijiet li tapplika fir-rigward ta' talbiet għal tiftix u qbid.

Artikolu 22 – Talbiet għall-monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet imwettqa mill-istituzzjonijiet finanzjarji u mill-forniturі ta' servizzi tal-assi virtwali

1. Kull Parti għandha tiżgura li, fuq it-talba ta' Parti oħra, tkun tista' timmonitorja, matul perjodu speċifikat, l-operazzjonijiet li jkunu qed jitwettqu minn istituzzjonijiet finanzjarji u mill-fornituri ta' servizzi tal-assi virtwali permezz ta' kont wieħed jew aktar speċifikati fit-talba u tikkomunika r-riżultati tagħhom lill-Parti rikjedenti.

2. Minbarra r-rekwiżiti tal-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni, il-Parti rikjedenti għandha tindika fit-talba tagħha għaliex tqis l-informazzjoni mitluba rilevanti għall-finijiet tal-investigazzjoni kriminali dwar ir-reat.

3. Id-deċiżjoni ta' monitoraġġ għandha tittieħed f'kull każ individwali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti rikjesta, b'kunsiderazzjoni xierqa għal-liġi domestika ta' dik il-Parti.

4. Id-dettalji prattiċi dwar il-monitoraġġ għandhom jiġu miftiehma bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet rikjedenti u dawk rikjesti.

Artikolu 23 – Skwadri ta' investigazzjoni konġunti għall-irkupru ta' proprjetà soġġetta għal konfiska

1. Bi ftehim reċiproku, l-awtoritajiet kompetenti ta' żewġ Partijiet jew aktar jistgħu jistabbilixxu u joperaw skwadra ta' investigazzjoni konġunta fit-territorji tagħhom għall-fini tal-irkupru ta' proprjetà li tista' tiġi kkonfiskata skont il-Konvenzjoni u dan il-Protokoll, fejn il-koordinazzjoni msaħħa titqies partikolarment utli. Tali skwadri għandhom jiġu stabbiliti għal perjodu limitat, li jista' jiġi estiż b'kunsens reċiproku, u l-kompożizzjoni tagħhom għandha tiġi ddeterminata fil-ftehim li jistabbilixxi l-iskwadra. Skwadra ta' investigazzjoni konġunta tista', b'mod partikolari, tiġi stabbilita:

a. meta l-investigazzjonijiet minn Parti waħda dwar proprjetà li tista' tiġi kkonfiskata skont il-Konvenzjoni u dan il-Protokoll jeħtieġu investigazzjonijiet diffiċili u impenjattivi b'rabtiet ma' Partijiet oħra; jew

a. meta investigazzjonijiet minn għadd ta' Partijiet skont il-Konvenzjoni u dan il-Protokoll jeħtieġu azzjoni koordinata u miftiehma fil-Partijiet involuti.

Talba għat-twaqqif ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta tista' ssir minn kwalunkwe Parti kkonċernata. L-iskwadra għandha tiġi stabbilita f'waħda mill-Partijiet li fiha jkunu mistennija li jitwettqu l-investigazzjonijiet.

2. It-talbiet għall-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta għandhom jinkludu:

a. l-awtorità li tagħmel it-talba;

b. l-għan tat-talba u r-raġuni għaliha;

c. fejn possibbli, kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti għall-investigazzjoni;

d. fejn magħruf u xieraq, l-isem u l-indirizz tal-persuni affettwati;

e. proposti dwar il-kompożizzjoni tal-iskwadra.

3. Skwadra ta' investigazzjoni konġunta għandha topera fit-territorju tal-Partijiet li jwaqqfu l-iskwadra taħt il-kondizzjonijiet ġenerali li ġejjin:

a. il-mexxej tal-iskwadra għandu jkun rappreżentant tal-awtorità kompetenti responsabbli mill-investigazzjoni fil-Parti li fiha topera l-iskwadra. Il-mexxej tal-iskwadra għandu jaġixxi fil-limiti tal-kompetenza tiegħu jew tagħha skont il-liġi domestika;

b. l-iskwadra għandha twettaq l-operazzjonijiet tagħha f'konformità mal-liġi tal-Parti li topera fiha. Il-membri u l-membri ssekondati tal-iskwadra għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom taħt it-tmexxija tal-persuna msemmija fil-paragrafu 3, is-subparagrafu *a*, ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet tagħhom stess fil-ftehim dwar l-istabbiliment tal-iskwadra;

c. il-parti li fiha topera l-iskwadra għandha tagħmel l-arranġamenti organizzattivi meħtieġa biex tagħmel dan.

4. F'dan l-Artikolu, il-membri tal-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta mill-Parti li fiha topera l-iskwadra jissejħu "membri", filwaqt li membri minn Partijiet għajr il-Parti li fiha topera l-iskwadra jissejħu "membri ssekondati".

5. Membri ssekondati tal-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta għandhom ikunu intitolati li jkunu preżenti meta jittieħdu miżuri investigattivi fil-Parti tal-operazzjoni. Madankollu, il-mexxej tal-iskwadra jista', għal raġunijiet partikolari, f'konformità mal-liġi tal-Parti fejn topera l-iskwadra, jiddeċiedi mod ieħor.

6. Il-membri ssekondati tal-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta jistgħu, f'konformità mal-liġi tal-Parti fejn topera l-iskwadra, jiġu fdati mill-mexxej tal-iskwadra bil-kompitu li jieħdu ċerti miżuri investigattivi fejn dan ikun ġie approvat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti tal-operazzjoni u l-Parti li tissekonda.

7. Meta l-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta tkun teħtieġ li jittieħdu miżuri investigattivi f'waħda mill-Partijiet li tistabbilixxi l-iskwadra, il-membri ssekondati mal-iskwadra minn dik il-Parti jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom stess biex jieħdu dawk il-miżuri. Dawk il-miżuri għandhom jiġu kkunsidrati f'dik il-Parti skont il-kundizzjonijiet li jkunu japplikaw jekk jintalbu f'investigazzjoni nazzjonali.

8. Meta l-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta tkun teħtieġ assistenza minn Parti għajr dawk li stabbilew l-iskwadra, jew minn Stat terz, it-talba għall-assistenza tista' ssir mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-operazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat l-ieħor ikkonċernat, f'konformità mal-istrumenti jew l-arranġamenti rilevanti.

9. Membru ssekondat tal-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta jista', f'konformità mal-liġi domestika tiegħu u fil-limiti tal-kompetenza tiegħu, jipprovdi lill-iskwadra bl-informazzjoni disponibbli fil-Parti li tkun issekondatu għall-finijiet tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-iskwadra.

10. Informazzjoni miksuba legalment minn membru jew membru ssekondat waqt li jkun parti minn skwadra ta' investigazzjoni konġunta, li ma tkunx disponibbli b'mod ieħor għall-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet ikkonċernati, tista' tintuża għall-finijiet li ġejjin:

a. għall-finijiet li għalihom twaqqfet l-iskwadra;

b. soġġett għall-kunsens minn qabel tal-Parti fejn l-informazzjoni tkun saret disponibbli, għall-identifikazzjoni tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali. Tali kunsens jista' ma jingħatax biss f'każijiet fejn tali użu jipperikola l-investigazzjonijiet kriminali fil-Parti kkonċernata jew li fir-rigward tagħhom dik il-Parti tista' tirrifjuta l-assistenza reċiproka skont il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali (ETS Nru 30) u l-protokolli tagħha;

c. għall-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika u, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 10, is-subparagrafu *b*, jekk sussegwentement tinfetaħ investigazzjoni kriminali;

d. għal finijiet oħra, sa fejn dan ikun miftiehem bejn il-Partijiet li jistabbilixxu l-iskwadra.

11. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni jew arranġament eżistenti ieħor dwar l-istabbiliment jew l-operat ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti.

12. Sa fejn jippermettu l-liġijiet tal-Partijiet ikkonċernati jew id-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe strument legali applikabbli bejniethom, jistgħu jiġu miftiehma arranġamenti għal persuni għajr rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet li jistabbilixxu l-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta biex jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-iskwadra. Id-drittijiet mogħtija lill-membri jew lill-membri ssekondati tal-iskwadra bis-saħħa ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għal dawn il-persuni sakemm il-ftehim ma jiddikjarax espressament mod ieħor.

Taqsima 3 – Formoli standard

Artikolu 24 – Formola standard għall-iffriżar u l-qbid tal-proprjetà

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 35, il-paragrafu 1, tal-Konvenzjoni, sabiex jitolbu l-iffriżar jew il-qbid ta' proprjetà skont it-tifsira tal-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni, il-Partijiet għandhom jimlew il-formola standard adottata mill-Konferenza tal-Partijiet stabbilita skont il-Konvenzjoni skont l-Artikolu 35 ta' dan il-Protokoll, għandhom jiffirmawha u għandhom jiċċertifikaw il-kontenut tagħha bħala preċiż u korrett.

2. Il-Parti rikjedenti għandha tipprovdi lill-Parti rikjesta bi traduzzjoni tal-formola standard f'lingwa uffiċjali tal-Parti rikjesta jew fi kwalunkwe lingwa oħra li taċċetta l-Parti rikjesta. Id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 35, il-paragrafu 3, tal-Konvenzjoni għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għal dan l-għan. It-traduzzjoni tad-deċiżjoni, li fuqha hija bbażata l-formola, għandha tiġi pprovduta biss fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li ssirilha t-talba jekk tkun meħtieġa konsultazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

3. Talba għall-iffriżar jew il-qbid ta' proprjetà magħmula f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tiġi rrifjutata jekk il-formola standard ma tkunx kompluta jew tkun manifestament żbaljata u ma tkunx tlestiet jew ġiet ikkoreġuta wara konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet rikjesti u rikjedenti, f'konformità mal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni.

4. Dan l-Artikolu se jkun applikabbli mill-jum li fih il-Konferenza tal-Partijiet tadotta l-formoli standard imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 25 – Formola standard għall-konfiska tal-proprjetà

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 35, il-paragrafu 1, tal-Konvenzjoni, sabiex jitolbu l-konfiska ta' proprjetà skont it-tifsira tal-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni, il-Partijiet għandhom jimlew il-formola standard adottata mill-Konferenza tal-Partijiet stabbilita taħt il-Konvenzjoni skont l-Artikolu 35 ta' dan il-Protokoll, għandhom jiffirmawha u għandhom jiċċertifikaw il-kontenut tagħha bħala preċiż u korrett.

2. Il-Parti rikjedenti għandha tipprovdi lill-Parti rikjesta bi traduzzjoni tal-formola standard f'lingwa uffiċjali tal-Parti rikjesta jew fi kwalunkwe lingwa oħra li taċċetta l-Parti rikjesta. Id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 35, il-paragrafu 3, tal-Konvenzjoni għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għal dan l-għan. It-traduzzjoni tad-deċiżjoni, li fuqha hija bbażata l-formola, għandha tiġi pprovduta biss fuq talba mill-

awtoritajiet kompetenti tal-Parti li ssirilha t-talba jekk tkun meħtieġa konsultazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

3. Talba għall-konfiska ta' proprjetà magħmula f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tiġi rrifjutata jekk il-formola standard ma tkunx kompluta jew tkun manifestament żbaljata u ma tkunx tlestiet jew ġiet ikkoreġuta wara konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet rikjesti u rikjedenti, f'konformità mal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni.

4. Dan l-Artikolu se jkun applikabbli mill-jum li fih il-Konferenza tal-Partijiet tadotta l-formoli standard imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Taqsima 4 – Ritorn u kondiviżjoni tal-proprjetà

Artikolu 26 – Ritorn tal-proprjetà

1. Meta jaġixxu fuq talba magħmula minn Parti oħra f'konformità mal-Artikoli 23 u 24 tal-Konvenzjoni, il-Partijiet għandhom, jekk jintalbu jagħmlu dan, jagħtu kunsiderazzjoni prijoritarja lir-ritorn tal-proprjetà kkonfiskata lill-Parti rikjedenti sabiex din tkun tista' tagħti kumpens lill-vittmi tal-kriminalità jew tirritorna tali proprjetà lis-sidien leġittimi tagħha.

2. Meta jaġixxu fuq talba magħmula minn Parti oħra f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 tal-Konvenzjoni, il-Partijiet għandhom ukoll, jekk jintalbu jagħmlu dan, jagħtu kunsiderazzjoni prijoritarja lir-ritorn tal-proprjetà ffriżata jew maqbuda lill-Parti rikjedenti qabel deċiżjoni finali dwar il-konfiska tagħha, sabiex din tkun tista' tirritorna din il-proprjetà lis-sidien leġittimi tagħha, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a. it-titolu tas-sid leġittimu għall-proprjetà huwa stabbilit u mhux ikkontestat;

b.il-proprjetà ma tkunx meħtieġa bħala evidenza fi proċedimenti kriminali fil-Parti rikjesta; u

c. ma jkunux ippreġudikati d-drittijiet tal-persuni affettwati.

3. Meta jaġixxu fuq talba magħmula minn Parti oħra f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 tal-Konvenzjoni, il-Partijiet jistgħu wkoll, jekk jintalbu jagħmlu dan, jagħtu kunsiderazzjoni prijoritarja lir-ritorn tal-proprjetà ffriżata jew maqbuda lill-Parti rikjedenti qabel ma tittieħed deċiżjoni finali dwar il-konfiska tagħha sabiex din tkun tista' tagħti kumpens lill-vittmi tal-attività kriminali, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a. id-deċiżjoni dwar il-kumpens tkun finali;

b. il-proprjetà li għandha tiġi ddisponuta għall-fini ta' kumpens lill-vittma ma tkunx meħtieġa bħala evidenza fi proċedimenti kriminali fil-Parti rikjesta; u

c. ma jkunux ippreġudikati d-drittijiet tal-persuni affettwati.

Artikolu 27 – Kondiviżjoni tal-proprjetà

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 25 u 32 tal-Konvenzjoni, l-Artikoli 26 u 31 ta' dan il-Protokoll u d-drittijiet ta' sidien u vittmi leġittimi identifikabbli, meta l-flus jinkisbu bħala riżultat tal-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska f'konformità mal-Artikoli 23 u 24 tal-Konvenzjoni u l-ammont miksub jaqbeż l-EUR 10 000 jew l-ekwivalenti f'munita konvertibbli, dan għandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-Parti rikjedenti u dik rikjesta, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor fuq bażi ta' każ b'każ. Għal proprjetà kkonfiskata għajr flus, il-Partijiet rikjedenti u rikjesti għandhom jikkonsultaw dwar l-arranġamenti xierqa għad-disponiment tal-proprjetà inkwistjoni.

2. Meta jikkondividu proprjetà skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet rikjedenti u dawk rikjesti jistgħu jaqblu li jinkludu lill-Partijiet oħra fl-arranġament ta' kondiviżjoni li jkunu kkontribwew għall-irkupru b'suċċess tal-proprjetà. Barra minn hekk, f'konformità ma' ordni ta' konfiska domestika, il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li jikkondividu l-proprjetà

kkonfiskata ma' Partijiet li pprovdew assistenza investigattiva jew assistenza oħra f'konformità mal-Konvenzjoni jew ma' dan il-Protokoll, fejn tali assistenza kkontribwiet għall-konfiska b'suċċess.

3. Meta l-proprjetà kkonfiskata għandha tiġi kondiviża bejn il-Partijiet rikjedenti u dawk rikjesti f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-Parti rikjesta tista' l-ewwel tnaqqas il-kostijiet ta' natura sostanzjali jew straordinarja li kienu meħtieġa sabiex tikkonforma mat-talbiet skont dan il-Protokoll jew il-Konvenzjoni u li ffaċilitaw il-konfiska tal-proprjetà kkonċernata.

Taqsima 5 – Unità tal-Intelligence Finanzjarja

Artikolu 28 – Kooperazzjoni internazzjonali dwar is-sospensjoni jew ir-rifjut tal-kunsens għal tranżazzjonijiet, kontijiet u relazzjonijiet kummerċjali suspettużi

1. Kull Parti għandha tadotta dawk il-miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tkun tista' tittieħed azzjoni urġenti minn unità tal-intelligence finanzjarja, fuq talba ta' unità tal-intelligence finanzjarja barranija, meta jkun hemm suspett li tranżazzjoni, kont bħal kont bankarju, ta' titoli, ta' pagament jew ta' assi virtwali jew relazzjoni kummerċjali tkun relatata mal-ħasil tal-flus, mal-finanzjament tat-terroriżmu jew ma' kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' reati fl-appendiċi tal-Konvenzjoni, biex tissospendi l-użu ta' dak il-kont, ir-relazzjoni kummerċjali jew it-tranżazzjoni jew biex tirrifjuta l-kunsens biex it-tranżazzjoni ssir.

2. Is-sospensjoni għandha tkun fis-seħħ għal tali perjodi u soġġetta għall-istess kundizzjonijiet li japplikaw fil-liġi domestika tal-Parti rikjesta fir-rigward ta' din is-setgħa.

3. L-azzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tittieħed meta l-unità tal-intelligence finanzjarja rikjesta tkun sodisfatta, fuq ġustifikazzjoni mill-unità tal-intelligence finanzjarja rikjedenti, li l-użu tal-kont, ir-relazzjoni kummerċjali jew it-tranżazzjoni li tkun għaddejja kellu jiġi sospiż jew il-kunsens biex it-tranżazzjoni titkompla kellu jinżamm jekk il-kont, ir-relazzjoni kummerċjali jew it-tranżazzjoni jkunu qajmu suspett fil-livell nazzjonali.

4. Kull Parti tista', fil-mument tal-iffirmar jew meta tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, tirriżerva d-dritt tagħha li ma tapplikax dan l-Artikolu għas-sospensjoni tal-kontijiet u tar-relazzjonijiet kummerċjali.

Taqsima 6 – Uffiċċji għall-irkupru tal-assi

Artikolu 29 – Kooperazzjoni internazzjonali bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżgura li l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi tagħha jiskambja informazzjoni mal-uffiċċji għall-irkupru tal-assi ta' Partijiet oħra, jew spontanjament jew fuq talba, għall-finijiet tal-identifikazzjoni u t-traċċar tal-proprjetà li tista' tiġi kkonfiskata. It-talbiet għal informazzjoni għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet għat-talba u jinkludu kwalunkwe informazzjoni disponibbli li tista' tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-proprjetà.

2. L-iskambju tal-informazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jista' jiġi rrifjutat jekk:

a. l-eżekuzzjoni tat-talba x'aktarx li tippreġudika s-sovranità, is-sigurtà, l-ordni pubbliku jew interessi essenzjali oħra tal-Parti rikjesta;

b. l-eżekuzzjoni tat-talba x'aktarx tippreġudika l-investigazzjonijiet jew il-proċedimenti attwali, jew toħloq theddida imminenti għall-ħajja jew l-integrità fiżika ta' persuna;

c. l-eżekuzzjoni tat-talba tkun sproporzjonata jew irrilevanti b'mod ċar għall-finijiet li għalihom tkun saret;

d. ir-reat li miegħu hija relatata t-talba huwa reat politiku, bl-eċċezzjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu; jew

e. il-Parti rikjesta tqis li l-konformità mal-azzjoni mitluba tmur kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

3. L-Uffiċċju għall-irkupru tal-assi rikjest għandu jikkonsulta mal-uffiċċju għall-irkupru tal-assi rikjedenti qabel ma jirrifjuta talba. Kwalunkwe rifjut li tiġi pprovduta informazzjoni għandu jkun spjegat b'mod xieraq.

4. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżgura li l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi jwieġeb minnufih għal talbiet motivati u, sakemm ma jkunx impedit milli jagħmel dan għal raġunijiet konvinċenti, fi żmien 14-il jum għal talbiet mhux urġenti u fi żmien 3 ijiem għal talbiet urġenti li jikkonċernaw bażijiet tad-data li għalihom l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi jkollu aċċess dirett. Meta l-informazzjoni mitluba tkun aċċessibbli biss indirettament, jew meta t-talba timponi piż sproporzjonat, l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi rikjest jista' jestendi l-limitu ta' żmien biex iwieġeb għal 21 jum għal talbiet mhux urġenti u 7 ijiem għal talbiet urġenti. Meta l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi rikjest jivvaluta li mhux se jkun jista' jikkonforma mal-limiti ta' żmien applikabbli, huwa għandu jinforma minnufih lill-uffiċċju għall-irkupru tal-assi rikjedenti.

5. Għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, kull Parti għandha taħtar massimu ta' żewġ punti ta' kuntatt li għandu jkollhom il-kapaċità li jwettqu komunikazzjonijiet fil-ħin mal-punti ta' kuntatt ta' Partijiet oħra u għandha, fil-mument tal-iffirmar jew meta tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, tikkomunika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa l-ismijiet u l-indirizzi tal-punti ta' kuntatt maħtura tagħha.

6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, Parti tista' taħtar it-tielet punt ta' kuntatt meta dan ikun meħtieġ skont il-prinċipji kostituzzjonali tagħha.

Taqsima 7 – Immaniġġjar ta' assi

Artikolu 30 – Immaniġġjar ta' proprjetà ffriżata, maqbuda jew ikkonfiskata fuq talba ta' Parti oħra

1. Kull Parti għandha tadotta dawk il-miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżgura li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikoli 15 u 17 ta' dan il-Protokoll japplikaw għall-proprjetà ffriżata, maqbuda jew ikkonfiskata fuq talba ta' Parti oħra.

2. L-immaniġġjar ta' proprjetà ffriżata, maqbuda jew ikkonfiskata fuq talba ta' Parti oħra għandha tkun regolata mil-liġi tal-Parti rikjesta.

Kapitolu IV – Salvagwardji, taħriġ u riżorsi

Artikolu 31 - Salvagwardji u rimedji

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-istabbiliment, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tas-setgħat u l-proċeduri previsti f'dan il-Protokoll ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet u s-salvagwardji previsti skont il-liġi domestika tagħha, li għandha tiżgura protezzjoni adegwata tad-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem, u tinkorpora l-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżgura li l-persuni affettwati

minn miżuri proviżorji, inkluż il-miżuri previsti fl-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll, ordnijiet ta' bejgħ ta' qabel il-konfiska jew konfiska skont il-Konvenzjoni jew dan il-Protokoll, ikollhom id-dritt għal rimedju legali effettiv u għal proċess ġust sabiex jipproteġu d-drittijiet tagħhom. Il-Partijiet għandhom jiggarantixxu wkoll id-drittijiet tad-difiża.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-persuni affettwati minn miżura ta' konfiska skont il-Konvenzjoni jew dan il-Protokoll jiġu mħarrka għall-proċedimenti ta' konfiska.

4. Kull Parti għandha tiżgura li qorti tista' tissospendi l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' bejgħ ta' qabel il-konfiska, jekk b'mod ieħor ikun hemm ħsara irreparabbli lill-persuna affettwata.

Artikolu 32 – Notifika ta' deċiżjonijiet

1. Kull Parti għandha tiżgura li d-deċiżjonijiet dwar il-miżuri proviżorji u l-konfiska skont il-Konvenzjoni u dan il-Protokoll, kif ukoll id-deċiżjonijiet dwar il-bejgħ ta' qabel il-konfiska ta' proprjetà, jiġu nnotifikati lill-persuni affettwati mingħajr dewmien żejjed. Tali deċiżjonijiet għandhom jistabbilixxu r-raġunijiet għall-miżura u d-drittijiet u r-rimedji legali disponibbli għall-persuna affettwata.

2. Parti tista' tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tagħha jipposponu milli jinnotifikaw lill-persuna kkonċernata rigward id-deċiżjonijiet dwar miżuri proviżorji għal tali perjodu ta' żmien li jkun meħtieġ sabiex jiġi evitat li tiġi pperikolata investigazzjoni kriminali jew finanzjarja.

Artikolu 33 – Miżuri ta' sigurtà

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inkluż il-miżuri ta' sigurtà, biex jiżguraw li l-informazzjoni pproċessata skont l-Artikoli 9, 12, 17 u 29 ta' dan il-Protokoll ma tiġix aċċessata minn persuni mhux awtorizzati.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-komunikazzjoni bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi titwettaq permezz ta' kanali siguri.

Artikolu 34 – Riżorsi u taħriġ

1. Kull Parti għandha tadotta tali miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tiżgura li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi u l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi jkollhom riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv.

2. Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura, kull Parti għandha tiżgura li jkun disponibbli taħriġ adegwat għall-awtoritajiet kompetenti involuti fl-investigazzjonijiet finanzjarji, l-identifikazzjoni tal-assi, it-traċċar, l-iffriżar, il-qbid, il-ġestjoni u l-konfiska.

Kapitolu V – Mekkaniżmu ta' monitoraġġ u soluzzjoni ta' tilwim

Artikolu 35 – Mekkaniżmu ta' monitoraġġ u soluzzjoni ta' tilwim

1. L-Artikolu 48 tal-Konvenzjoni għandu japplika, *mutatis mutandis*, għal dan il-Protokoll. Il-Konferenza tal-Partijiet stabbilita skont il-Konvenzjoni għandha twettaq il-funzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 48 tal-Konvenzjoni għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, filwaqt li tiltaqa' f'kompożizzjoni ristretta għall-Partijiet għal dan il-Protokoll, fejn xieraq.

2. Il-Konferenza tal-Partijiet, li tiltaqa' f'kompożizzjoni ristretta għall-Partijiet għal dan il-Protokoll, għandha tadotta formoli standard kif previst fl-Artikoli 24 u 25 ta' dan il-Protokoll.

3. Il-Konferenza tal-Partijiet għandha tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar żviluppi sinifikanti legali, ta' politika jew dawk prattiċi li jappartjenu għall-oqsma koperti mill-Konvenzjoni u minn dan il-Protokoll.

Kapitolu VI – Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 36 – Relazzjoni mal-Konvenzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 37 – Iffirmar u ratifika

Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-iffirmar mill-firmatarji għall-Konvenzjoni. Huwa għandu jkun soġġett għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni. Firmatarju ma jistax jirratifika, jaċċetta jew japprova dan il-Protokoll sakemm qabel jew fl-istess ħin ma jkunx esprima l-kunsens tiegħu li jintrabat bid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. L-istrumenti tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

Artikolu 38 – Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza ta' 3 xhur wara d-data li fiha ħames firmatarji, fosthom mill-inqas tliet Stati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, ikunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu b'dan il-Protokoll, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37.

2. Fir-rigward ta' kwalunkwe firmatarju li sussegwentement jesprimi l-kunsens tiegħu li jintrabtu bih, dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza ta' perjodu ta' 3 xhur wara d-data tad-depożitar tal-istrument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni tiegħu.

Artikolu 39 – Adeżjoni

1. Wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, kwalunkwe Parti għall-Konvenzjoni tista' taderixxi wkoll ma' dan il-Protokoll.

2. Fir-rigward ta' kwalunkwe Parti li taderixxi ma' dan il-Protokoll skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza ta' perjodu ta' 3 xhur wara d-data tad-depożitu tal-istrument tal-adeżjoni għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

Artikolu 40 – Applikazzjoni territorjali

1. Kwalunkwe Stat jew l-Unjoni Ewropea jistgħu, fil-mument tal-iffirmar ta' dan il-Protokoll jew meta jiddepożitaw l-istrument tagħhom ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni, ta' approvazzjoni jew ta' adeżjoni tagħhom, jispeċifikaw it-territorju jew it-territorji li għalihom għandu japplika dan il-Protokoll.

2. Kwalunkwe Parti tista', fi kwalunkwe mument wara dan, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, testendi l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll għal kwalunkwe territorju ieħor speċifikat fid-dikjarazzjoni, meta tkun responsabbli għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' dak it-territorju jew tkun awtorizzata biex tagħti impenji f'ismu. Fir-rigward ta' dan it-territorju, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza ta' perjodu ta' 3 xhur wara d-data tal-wasla tad-dikjarazzjoni għand is-Segretarju Ġenerali.

3. Kwalunkwe dikjarazzjoni li ssir skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu tista', fir-rigward ta' kwalunkwe territorju speċifikat f'tali dikjarazzjoni, tiġi rtirata permezz ta' notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. L-irtirar għandu jsir effettiv fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza ta' perjodu ta' 3 xhur wara d-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jirċievi din in-notifika.

Artikolu 41 – Denunzja

1. Kwalunkwe Parti tista', fi kwalunkwe mument, tiddenunzja dan il-Protokoll permezz ta' notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

2. Din id-denunzja għandha ssir effettiva fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza ta' perjodu ta' 3 xhur wara d-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jirċievi n-notifika.

3. Id-denunzja tal-Konvenzjoni awtomatikament timplika denunzja ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 42 – Relazzjoni ma' konvenzjonijiet u ftehimiet oħra

1. Dan il-Protokoll ma jaffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet li jirriżultaw minn strumenti multilaterali internazzjonali li jikkonċernaw kwistjonijiet speċjali.

2. Il-Partijiet għal dan il-Protokoll jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali jew multilaterali ma' xulxin dwar il-kwistjonijiet ttrattati f'dan il-Protokoll, bl-għan li jissupplimentaw jew isaħħu d-dispożizzjonijiet tiegħu jew jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-prinċipji li jħaddan.

3. Jekk żewġ Partijiet jew aktar ikunu diġà kkonkludew ftehim jew trattat fir-rigward ta' suġġett li jkun ittrattat f'dan il-Protokoll, jew ikunu stabbilew b'mod ieħor ir-relazzjonijiet tagħhom fir-rigward ta' dak is-suġġett, huma għandhom ikunu intitolati li japplikaw dak il-ftehim jew it-trattat jew li jirregolaw dawn ir-relazzjonijiet kif xieraq, minflok dan il-Protokoll, jekk dan jiffaċilita l-kooperazzjoni internazzjonali.

4. Il-Partijiet li huma membri tal-Unjoni Ewropea għandhom, fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom, japplikaw ir-regoli tal-Komunità Ewropea u tal-Unjoni Ewropea sa fejn ikun hemm regoli Komunitarji jew tal-Unjoni Ewropea li jirregolaw is-suġġett partikolari kkonċernat u li jkunu applikabbli għall-każ speċifiku, mingħajr preġudizzju għall-għan u l-iskop ta' dan il-Protokoll u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni sħiħa tiegħu ma' Partijiet oħra.

Artikolu 43 – Dikjarazzjonijiet u riżervi

1. Kwalunkwe Stat jew l-Unjoni Ewropea jistgħu, fil-mument tal-iffirmar ta' dan il-Protokoll jew meta jiddepożitaw l-istrument tagħhom ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, jagħmlu dikjarazzjoni waħda jew aktar minn dawk previsti fl-Artikolu 19, il-paragrafu 5, l-Artikolu 40, il-paragrafi 1 u 2, ta' dan il-Protokoll.

2. Kwalunkwe Stat jew l-Unjoni Ewropea jistgħu, fil-mument tal-iffirmar ta' dan il-Protokoll jew meta jiddepożitaw l-istrument tagħhom ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni, ta' approvazzjoni jew ta' adeżjoni, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, jiddikjaraw li jagħmlu użu minn waħda jew aktar mir-riżervi previsti fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2; l-Artikolu 4, il-paragrafi 2 u 3; l-Artikolu 5, il-paragrafu 3; l-Artikolu 10, il-paragrafu 6; l-Artikolu 20, il-paragrafu 5; u l-Artikolu 28, il-paragrafu 4, ta' dan il-Protokoll. L-ebda riżerva oħra ma tista' ssir fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

3. Kwalunkwe Parti li tkun għamlet riżerva skont dan l-Artikolu tista', fi kwalunkwe mument, tirtiraha kompletament jew parzjalment permezz ta' notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. L-irtirar għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jirċievi din in-notifika.

4. Parti li tkun għamlet riżerva fir-rigward ta' dispożizzjoni ta' dan il-Protokoll ma tistax titlob l-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni minn kwalunkwe Parti oħra; madankollu, jekk ir-riżerva tagħha tkun parzjali jew kundizzjonali, hija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni sa fejn hija stess tkun aċċettatha.

Artikolu 44 – Notifiki

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-Istati li mhumiex membri li pparteċipaw fl-elaborazzjoni ta' dan il-Protokoll, lill-Unjoni Ewropea, lil kwalunkwe firmatarju, lil kwalunkwe Stat Parti u lil kwalunkwe Stat ieħor li ġie mistieden jaderixxi ma' dan il-Protokoll, dwar:

a. kwalunkwe firma;

b. id-depożitu ta' kwalunkwe strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni;

c. id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll f'konformità mal-Artikolu 38;

d. kwalunkwe dikjarazzjoni, riżerva jew irtirar ta' riżerva magħmula f'konformità mal-Artikolu 43;

e. kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula f'konformità mal-Artikolu 14, il-paragrafu 3, u l-Artikolu 29, il-paragrafu 5;

f. kwalunkwe att, notifika jew komunikazzjoni oħra relatata ma' dan il-Protokoll.

B'xhieda ta' dan, is-sottoskritti, awtorizzati kif jixraq għal dan l-effett, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmula fi xxx, dan il-xxx jum ta' xxx, bl-Ingliż u bil-Franċiż, biż-żewġ testi ugwalment awtentiċi, f'kopja waħda li għandha tiġi ddepożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jibgħat kopji ċċertifikati lil kull Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-Istati li mhumiex membri li pparteċipaw fl-elaborazzjoni ta' dan il-Protokoll, lill-Unjoni Ewropea u lil kwalunkwe Stat mistieden jaderixxi ma' dan il-Protokoll.

Appendiċi

Jiżdied il-paragrafu li ġej mal-appendiċi tal-Konvenzjoni:

v ċiberkriminalità.